

Brussell, 23 ta' Frar 2022
(OR. fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0428(COD)

6222/1/22
REV 1

JAI 180
FRONT 63
MIGR 47
COVID-19 42
SAN 89
TRANS 79
CODEC 150
COMIX 72

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera - dibattitu ta' orjentazzjoni

Fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 li jistabbilixxi Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment transfruntier tal-persuni. Din il-proposta għandha l-għan li twieġeb għall-isfidi tal-istrumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji, li tislet tagħlimiet mill-pandemija billi tikkodifika u tistabbilixxi qafas għall-miżuri li jirrestrinġu l-ivvjaġġar lejn iż-żona Ewropea, li tirrevedi l-qafas għall-kontrolli fil-fruntieri interni u li tipprevjeni aħjar il-movimenti mhux awtorizzati.

Wara preżentazzjoni taħt il-Presidenza Slovena fl-14 ta' Diċembru 2021, l-ewwel eżami tat-test tlesta fis-26 ta' Jannar. Fl-24 ta' Frar l-Presidenza pproponiet l-ewwel abbozz ta' kompromess dwar parti mit-test, li bħalissa qed jiġi diskuss fil-livell tekniku. Dan l-abbozz jikkorrispondi għall-ewwel tlieta mill-erba' punti ta' diskussjoni proposti hawn taħt. Dan ser jiġi ssupplimentat b'kompromess dwar it-test kollu f'Marzu.

Il-Presidenza tissottolinja li t-tishiĥ tal-kontrolli fil-fruntiera esterna komuni tagħna huwa prerekwiżit għall-funzjonament taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Flimkien mar-riformi diġà adottati (it-tishiĥ tal-Frontex, ir-riforma tas-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà), dawk li qed jiġu mnegozjati (il-kodiċi ta' kooperazzjoni tal-pulizija, il-mekkaniżmu ta' Prüm, il-Patt għall-Ażil u l-Migrazzjoni) jew dawk li qed jiġu adottati (il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen), ir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ser tipprovdi lill-Istati Membri b'għodod modernizzati biex jirrispondu aħjar għar-riskji fil-qasam tas-saħħa, il-migrazzjoni u s-sigurtà. B'kont meħud ta' dan, il-Presidenza tixtieq tkompli l-eżami tal-proposta tal-Kummissjoni bil-ħsieb, jekk possibbli, li jiġi adottat approċċ ġenerali fil-Kunsill ĠAI ta' Ġunju.

Għal dan il-għan, il-Presidenza tistieden lill-Ministri jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-punti li ġejjin, b'mod partikolari dwar il-punti għad-diskussjoni ppreżentati b'tipa grassa.

Strumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u sorveljanza fil-fruntieri

Il-proposta tal-Kummissjoni tiddefinixxi l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni (l-Artikolu 2) u għandha l-għan li tadatta l-qafas leġislativ għal sitwazzjonijiet bħal dawn u li ttejjeb is-sorveljanza tal-fruntieri f'dan il-kuntest (l-Artikolu 5 u 13). B'hekk tagħti lill-Istati Membri li jiffaċċjaw sitwazzjonijiet bħal dawn il-possibbiltà li jagħlqu l-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom (l-Artikolu 5) u l-mezzi biex jipprevjenu jew jidentifikaw aħjar il-qsim irregolari tal-fruntieri esterni (l-Artikolu 13).

Matul id-diskussjonijiet, ġew diskussi żewġ suġġetti ewlenin, li tqiesu fil-proposta ta' kompromess:

- L-ewwel suġġett jikkonċerna l-atturi li għandhom jitqiesu fid-definizzjoni tal-istrumentalizzazzjoni: jidher utli li titqies l-ipoteżi ta' strumentalizzazzjoni minn atturi mhux statali sabiex titqies ir-realtà ta' fenomenu li jista' jevolvi, filwaqt li ssir distinzjoni bejn dan u l-kriminalità organizzata.

- It-tieni suġġett jikkonċerna l-mezzi disponibbli għall-Istati Membri biex jiġġieldu dawn is-sitwazzjonijiet: diversi Stati Membri xtaqu li d-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Kodiċi jkunu aktar espliċiti fir-rigward tal-mezzi ta' sorveljanza tal-fruntiera esterna (l-Artikolu 13).
L-għażla tal-mezzi użati fil-fruntieri esterni hija kwistjoni li taqa' taħt is-sovranità tal-Istati Membri u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen mhuwiex maħsub biex jipprovdi lista eżawrjenti ta' dawn il-mezzi. Madankollu, għadd ta' Stati Membri appoġġaw referenza għall-possibbiltà li jinbnew barrieri fiżiċi. Kemm il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni diġà jipprevedu li tali sorveljanza tkun tista' titwettaq b'mezzi tekniċi, b'mod partikolari mezzi elettroniċi, tagħmir u sistemi ta' sorveljanza, inkluż permezz ta' unitajiet fissi jew mobbli. Qed jiġi propost li dawn ir-referenzi jissaħħu filwaqt li jiġi speċifikat ukoll li l-mezzi użati għandhom ikunu proporzjonati u li għandu jkun garantit ir-rispett għad-drittijiet fundamentali.

Miżuri ta' koordinazzjoni fil-każ ta' kriżi tas-saħħa fil-fruntieri esterni

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb il-miżuri ta' koordinazzjoni fil-fruntieri esterni f'każ ta' kriżi tas-saħħa b'potenzjal epidemiku barra mill-Unjoni (l-Artikolu 2, l-Artikolu 21a u l-Anness 11) permezz ta' mekkaniżmu komuni. Dan il-mekkaniżmu jinvolvi l-identifikazzjoni tar-riskju ta' pandemija, l-adozzjoni ta' regolament dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar lejn l-Unjoni Ewropea, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, u d-definizzjoni ta' vjaġġi essenzjali (l-Anness XI).

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tipproponi li l-miżuri li jridu jiġu stabbiliti għandhom jiġu adottati permezz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, b'mod partikolari rigward tliet aspetti:

- ir-restrizzjonijiet fuq id-dħul li jistgħu jittieħdu mill-Istati Membri;
- il-miżuri sanitarji li għandhom jiġu imposti fuq vjaġġaturi minn pajjiżi terzi li jistgħu jkunu komplementari għar-restrizzjonijiet fuq id-dħul, bħall-obbligu ta' ttestjar, il-kwarantana jew l-awtoiżolament;
- il-lista ta' kategoriji ta' vjaġġaturi eżentati mir-restrizzjonijiet.

Il-Ministri huma mistiedna jindikaw jekk il-proposta tal-Kummissjoni tippermettix, fil-fehma tagħhom, li jinkiseb bilanċ xieraq bejn l-effiċjenza u l-flessibbiltà rigward kull wieħed mit-tliet aspetti.

Verifiki fit-territorju u proċeduri ta' trasferiment

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi miżuri ġodda disponibbli fin-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Dawn il-miżuri huma maħsuba biex jikkontribwixxu għal sigurtà aħjar fiż-żona Schengen u biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

Fiż-żoni tal-fruntieri, it-test jestendi, lil hinn mill-awtoritajiet tal-pulizija biss, l-ambitu tal-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu l-kontrolli u jispeċifika l-ambitu tat-theddid meqjus fil-valutazzjoni tar-riskju (l-Artikolu 23): minbarra l-għieda kontra l-kriminalità transkonfini, li diġà kienet inkluża fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, huwa jawtorizza lill-Istati Membri jwettqu kontrolli fuq ir-regolarità tas-soġġorn jew jieħdu miżuri biex jipprevjenu riskju ta' pandemija. Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi wkoll proċedura ta' trasferiment simplifikata bejn l-Istati Membri (l-Artikolu 23a) meta ċittadin ta' pajjiż terz residenti illegalment li jkun ġej direttament minn Stat Membru ieħor jinqabad madwar il-fruntiera interna. Din il-possibbiltà hija disponibbli fil-kuntest ta' operazzjoni transkonfinali.

Introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ is-salvagwardji proċedurali fil-każ ta' introduzzjoni mill-ġdid b'mod unilaterali tal-kontrolli fil-fruntieri interni: il-proposta tispeċifika u tespandi l-lista ta' elementi li għandhom jiġu evalwati mill-Istat Membru kkonċernat, u l-kontenut tal-evalwazzjoni jissaħħaħ f'każ ta' estensjoni. Hija tipprevedi wkoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmu Ewropew ta' rispons fejn l-istess theddida taffettwa l-maġġoranza tal-Istati Membri fl-istess ħin u b'hekk tipperikola l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen.

Il-Kummissjoni qieset ukoll l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali f'żewġ kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea¹, bis-sentenza nnifisha għadha pendenti.

¹. Il-Kawżi Magħquda C-368/20 *Landespolizeidirektion Steiermark*, u C-369/20, *Bezirkshauptmannschaft Leibnitz*.

L-eżami inizjali tal-Kunsill ta' din il-proposta kopra, b'mod partikolari, ir-raġunijiet għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli, inkluż il-kunsiderazzjoni ta' movimenti sekondarji fuq skala kbira (l-Artikolu 25c), u l-proċedura għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli (l-Artikolu 26). Barra minn hekk, kienet mixtieqa kjarifika dwar il-ħolqien ta' mekkaniżmu ġdid fil-każ ta' riskju għall-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen (l-Artikolu 28).

Dawn id-dispożizzjonijiet ser ikunu s-suġġett ta' kompromess tal-Presidenza f'Marzu.

Il-Ministri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-proċedura ta' trasferiment simplifikata u dwar il-mekkaniżmu propost għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni.